

Brussell, 28 ta' Settembru 2023
(OR. en)

13413/23

ENT 198
MI 788
COMPET 918
TELECOM 278
ECO 64
DELECT 143

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	ST 12500/23 - C(2023) 4823 Final
Suġġett:	Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) .../... tal-20 ta' Lulju 2023 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2022/30 fir-rigward tad-data tal-applikazzjoni tar-rekwiżiti essenzjali għat-tagħmir tar-radju u li jikkoreġi dak ir-Regolament - Intenzjoni li ma jitqajmux oġġezzjonijiet għall-att delegat

1. Fil-21 ta' Awwissu 2023, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill l-abbozz ta' Regolament Delegat imsemmi hawn fuq, f'konformità mal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2014/53/UE dwar it-Tagħmir tar-Radju (RED)¹.
2. Abbażi tal-Artikolu 3 imsemmi hawn fuq, il-Kummissjoni adottat ir-Regolament Delegat (UE) 2022/30² li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2022, u li ser isir applikabbli mill-1 ta' Awwissu 2024.

¹ Id-Direttiva 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri marbuta mat-tqegħid fis-suq ta' tagħmir tar-radju u li tħassar id-Direttiva 1999/5/KE (ĠU L 153, 22.5.2014, p. 62–106), Verżjoni konsolidata attwali – 27/12/22.

² Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/30 li jissupplimenta d-Direttiva 2014/53/UE fir-rigward tal-applikazzjoni tar-rekwiżiti essenzjali fil-punti (d), (e) u (f) tal-Artikolu 3(3) ta' dik id-Direttiva (ĠU L 7, 12.1.2022, p. 6).

3. L-objettiv ta' dan l-abbozz ta' Regolament Delegat huwa li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2022/30 sabiex tiġi differita l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tiegħu sabiex l-Organizzazzjonijiet Ewropej tal-Istandardizzazzjoni jkun jista' jkollhom żmien biżżejjed biex jindirizzaw il-kwistjonijiet u l-problemi kumplessi li jikkonċernaw it-tnejn tal-istandards armonizzati rilevanti. L-objettiv l-ieħor tal-abbozz ta' Regolament Delegat huwa li jikkoreġi żball fir-Regolament Delegat (UE) 2022/30.
 4. Fit-30 ta' Awwissu 2023, id-delegazzjonijiet intalbu jindikaw l-oġġezzjoni possibbli tagħhom għall-abbozz ta' Regolament Delegat sas-26 ta' Settembru 2023. L-ebda delegazzjoni ma qajmet xi raġuni għal oġġezzjoni.
 4. F'dan il-kuntest, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jirrakkomanda lill-Kunsill jikkonferma n-nuqqas ta' oġġezzjoni għall-abbozz ta' Regolament Delegat, kif jinsab fid-dokument ST 12500/23 bħala punt mingħajr diskussjoni f'waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss, u li l-Kummissjoni u l-Parlament Ewropew għandhom jiġu infurmati b'dan. Dan jimplika li, dment li l-Parlament Ewropew ma joġġezzjonax għalih, l-att delegat għandu jiġi ppubblikat u adottat wara t-22 ta' Ottubru 2023, f'konformità mal-Artikolu 17(3) tar-Regolament (UE) 2021/690.
-